**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 97/17**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Justine Grech)**

**vs**

**Brenda Borg**
**(ID 127894(M))**

**Illum, 28 ta' Novembru 2018**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Brenda Borg ta' 23 sena, bint Joseph Borg u Moira nee` Debono, imwielda l-Pieta` fit-2 ta' Marzu 1994 u residenti gewwa 5, Arcadia, Triq Xemxija, Marsa, detentrici tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 127894(M);

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer f'Jannar 2017 u fix-xhur tas-sena ta' qabel:

1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern

skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-

disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Kellha fil-pussess taghha l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Lulju 2015:

6. Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U b'zieda awtorizzata mill-Qorti b'digriet tad-9 ta' Gunju 2017:

7. Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif

provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2017, l-imputata rregistrat ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, kif ukoll illi fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2017, madankollu, l-imputata irtirat din l-ammissjoni in kwantu l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet, fil-waqt illi regghet ikkonfermat l-ammissjoni taghha fir-rigward tas-sitt u s-seba' imputazzjonijiet.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u semghet lid-difiza tirrimetti ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputata ghas-sitt u s-seba' imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, kif ukoll fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

Permezz tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, l-imputata giet akkuzata bir-reat ta' traffikar tad-drogi eroina u kokaina u dan b'referenza ghal Jannar 2017 u x-xhur tas-sena ta' qabel din id-data. Isegwi ghalhekk illi dawn iz-zewg imputazzjonijiet (bhat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet) jirreferu ghax-xhur tas-sena 2016.

Jirrizulta mill-atti processwali illi l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-imputata gew addebitati lilha fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnha nhar l-4 ta' Marzu 2017 u dan wara li nghatat is-solita twissija skont il-ligi, kif ukoll id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha u li tkun assistita minn avukat

waqt l-istess interrogatorju, liema jeddijiet l-imputata ghazlet li ma tezercitahomx.[1] Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-Ispettur Justine Grech illi hija kienet bghatet ghall-imputata nhar l-4 ta' Marzu 2017, sabiex tinvestiga rapport ta' allegat *overdose* tal-istess imputata nhar il-11 ta' Lulju 2015. Kif jirrizulta wkoll mill-atti, fiz-zmien tal-istess stqarrija, l-imputata kienet tinsab gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u kienet ilha hemmhekk mit-13 ta' Jannar 2017.

Mill-istqarrija tal-imputata jirrizulta illi meta gie ssuggerit lilha illi nhar il-11 ta' Lulju 2015, kienet intalbet l-assistenza tal-pulizija gewwa fond fil-Marsa fejn hija kienet mitlufa minn sensiha u giet mistoqsija x'kien gara qabel marret f'din ir-residenza, hija wiegbet illi kellha l-eroina u l-kokaina ghall-pipa, li ma kinitx taf tittaqqab, "*taqqabni hu u gejt overdose*".[2] Mistoqsija kemm <u>tiehu</u> droga normalment, hija tghid li <u>kienet tiehu</u> b'hamest elef ewro kuljum u mistoqsija kif kienet tmantni dan il-vizzju, hija tghid illi kienet tixtri u tbiegh [sottolinear tal-Qorti]. L-istqarrija tkompli hekk:

"M X kont tbiegh?

T Coke

M Smack ma kontx tbiegh?

T Gieli bieghejt l-hawn u l-hemm

M <u>U f liema zminijiet kont tbiegh il Coke?</u>

T Ma inwegibx

M <u>Meta kont tbiegh l-Eroina?</u>

T Ma inwegibx

M <u>Dan l-ahhar sena jew xhur?</u>

T <u>l-ahhar xhur</u>

M u qed nirreferu ghall beigh taleroina u kokaina?

---

[1] A fol. 13 sa 15 tal-process.
[2] Izjed tard fl-istess stqarrija tghid illi dakinhar kienet wieqfa, *smack* tellghet 45 u kokaina hadet xi hames grammi.

T Iva

M <u>Fl-ahhar xhur ta' din is-sena?</u>

T <u>Iva</u>" [sottolinear tal-Qorti]

Mistoqsija kemm kienet tiehu doza normali kuljum, hija twiegeb "*xi hames grammi f'gurnata*". Tghid illi issa sabet l-ghajnuna. Tghid illi gieli hadet l-*ecstasy,* minn meta kellha 16-il sena u xi naqra *smoke* u *synthetic* li kienet tpejjiphom l-iskola. Tghid ukoll illi kienet tiehu l-*cannabis grass*. Mistoqsija meta l-ahhar hadet cannabis, hija tghid hekk: "*Issa <u>ilu xi sena u nofs ma imiss xejn clean</u>. Ghamilt programm ta' tmien xhur imqassmin u ninsab tajba*" [sottolinear tal-Qorti]. Tghid illi ma kinitx tiftakar meta l-ahhar hadet *ecstasy*, "*li hadt ricenti coke tal gbid*" u mistoqsija jekk dan sehhx fil-habs, hija tghid illi kien qabel dahlet il-habs.

Minn din l-istqarrija biss, il-Qorti tqis illi diga` jinholoq dubju dwar kemm verament l-imputata bieghet id-drogi kokaina u eroina fis-sena 2016 ai termini tal-imputazzjonijiet odjerni. L-istqarrija ttiehdet fl-4 ta' Marzu 2017, meta l-imputata kienet fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u kienet ilha hemmhekk minn Jannar 2017. Mela diga` huwa inverosimili li kienet qeghda tixtri u tbiegh il-kokaina u l-eroina fl-"fl-ahhar xhur" kif tghid fl-istqarrija taghha, ghaliex dak iz-zmien kienet fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. U fil-fehma tal-Qorti kien proprju dan li wassal lill-Ufficjal Investigattiv sabiex taddebita lill-imputata bit-traffikar tad-drogi kokaina u eroina b'referenza ghal Jannar 2017 u x-xhur tas-sena ta' qabel. Ghalkemm l-imputata wiegbet "iva" ghad-domanda jekk il-bejgh kienx sehh "fl-ahhar xhur ta' din is-sena", anke hawn it-twegiba ma kinitx taghmel sens, meta wiehed iqis illi l-istqarrija ttiehdet f'Marzu 2017. Madankollu, l-izjed punt li jwassal lill-Qorti sabiex tiddubita kemm it-traffikar tad-droga, li ssemmi l-imputata, sehh fis-sena 2016 huwa illi fl-istess stqarrija taghha, hija tkompli tghid illi kienet ilha xi sena u nofs ma tmiss xejn u li kienet *clean*. Dan ifisser allura illi fis-sena 2016, skont hi, l-imputata ma kinitx qed tuza droga u ghalhekk qajla jaghmel sens illi kienet qeghda tixtri u tbiegh il-kokaina u l-eroina sabiex tmantni l-vizzju taghha. Ghalkemm tghid illi dak li kienet hadet ricenti kien kokaina, qabel dahlet il-habs, biss lanqas tirreferi ghal zmien specifiku. Imbaghad il-Qorti tqis ukoll illi ai termini tar-rapport esebit mir-rapprezentant tal-Isptar Monte Karmeli li sar fil-konfront tal-imputata u li huwa datat 25 ta' Lulju 2017, dan ukoll jghid illi l-imputata kienet ilha *clean* ghal dawk l-ahhar tmintax-il xahar. Tqis ukoll id-domandi li sarulha mill-Ispettur Grech, u illi fil-waqt li l-Ispettur ghall-ewwel bdiet

taghmel id-domandi fil-prezent ("*Kemm tiehu normali*"), l-imputata bdiet twiegeb fil-passat. Tqis ukoll illi fix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2017, l-imputata tghid illi fl-istqarrija taghha, bil-kliem "*l-ahhar xhur*" u "*fl-ahhar xhur ta' din is-sena*", hija kienet qeghda tirreferi ghaz-zmien li fiha kellha l-*overdose* ossia fis-sena 2015. Tghid illi fiz-zmien tax-xhieda kienet *clean* u li kienet ilha *clean*. In kontro-ezami, terga' tirripeti illi hija kienet qeghda tirreferi ghas-sena 2015 fl-istqarrija taghha.[3]

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet taghha izjed 'il fuq, meta tqis kemm l-istqarrija tal-imputata, kif ukoll ix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, il-Qorti ma jidhrilhiex illi tista' tasal sabiex tikkonkludi, fil-grad rikjest mil-ligi, illi r-reati ta' traffikar tad-drogi eroina u kokaina gew imwettqa mill-imputata f'Jannar tas-sena 2017 u fix-xhur tas-sena ta' qabel, skont l-imputazzjonijiet odjerni. In oltre in vista tad-dikjarazzjoni tal-imputata li kienet *clean* u li kienet ilha *clean* ghall-perjodu ta' sena u nofs, kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi hija ma tghidx ezattament meta kienet l-ahhar darba li wzat il-kokaina, lanqas ma tista' l-Qorti ssibha hatja tal-pussess 'semplici' tad-drogi kokaina, eroina u tal-pjanta tal-*cannabis* ai termini tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet.

Ghaldaqstant, l-imputata qed tinstab hatja biss tas-sitt u s-seba' imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tqis il-fedina penali tal-imputata kif aggornata sa Frar 2018, mil-liema fedina penali jirrizulta illi l-imputata giet ikkundannata dwar reat kontravvenzjonali, kif ukoll dwar traffikar ta' droga kokaina. Dan l-ahhar reat sehh f'Awwissu 2014.

Qieset ukoll ix-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia matul dawn il-proceduri, kif ukoll in-noti li pprezentat l-istess Ufficjal tal-*Probation* dwar l-andament tal-imputata. Il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena xierqa u idonea li ghandha timponi fic-cirkostanzi tal-kaz. Jirrizulta mix-xhieda tal-imputata tas-7 ta' Lulju 2017, illi dak iz-zmien, ghalkemm kienet *clean,* hija kienet tinsab gewwa l-Isptar Monte Karmeli ghaliex ma kellhiex fejn tirrisjedi wara li harget mill-habs, lanqas ma kellha mpjieg u in oltre ma kinitx qed issegwi l-kura li kienet inghatat.

Skont ix-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation* tal-25 ta' Ottubru 2017, miz-zmien li l-imputata tqieghdet taht Ordni ta' Supervizjoni fis-7 ta' Lulju 2017, hija sabet impjieg, izda ma kienx hemm konsistenza. Bdiet tghix ma' persuna li kienet iltaqghet maghha gewwa l-Isptar Monte Karmeli u kienet qeghda tghix hajja

[3] Ara x-xhieda tal-imputata a fol. 27 sa 32 tal-process.

kaotika. Ghalkemm sar pjan biex terga' tidhol gewwa l-Isptar Monte Karmeli u hija hekk ghamlet, l-imputata baqghet diehla u hierga mill-istess sptar u titlaq kull darba kontra l-pariri medici li kienet tinghata. F'Ottubru 2017 dahlet gewwa programm kontra l-vizzju tad-droga fi hdan l-Agenzija Caritas, izda telqet biss wara hamest ijiem minn jeddha, ghaliex ma kinitx komda bir-regoli tal-programm. Ghalkemm ma setghux jittiehdu kampjuni tal-urina lill-imputata, hija qalet lill-Ufficjal tal-*Probation* li kienet qeghda taghmel uzu mid-droga. Skont rapprezentant tal-Isptar Monte Karmeli, sa Ottubru 2017, l-imputata kienet diga` dahlet sitt darbiet gewwa l-isptar fis-sena 2017. F'Novembru 2017, l-Ufficjal tal-*Probation* infurmat lill-Qorti li ma kienx possibbli li jsir pjan ta' kura konkret sabiex tigi indirizzata l-problema tad-droga ghaliex ma kienx hemm stabbilita` da parti tal-imputata.

Is-sitwazzjoni baqghet l-istess sakemm l-Ufficjal tal-*Probation* regghet xehdet fi Frar 2018. Fi kliem l-istess Ufficjal tal-*Probation*, is-sitwazzjoni kienet '*hopeless*'. L-imputata baqghet diehla u hierga mill-Isptar Monte Karmeli volontarjament, minghajr ebda direzzjoni u pjan ta' kura, bir-rizultat li ma setghax isir xoghol konkret maghha. Fl-ahhar nota tal-Ufficjal tal-*Probation* tal-25 ta' April 2018, hija tghid illi matul ix-xahrejn ta' qabel, l-imputata regghet dahlet l-isptar (*Female DDU*) erba' darbiet u kien hemm perjodu fejn anke bdiet tigi segwita mill-Agenzija Caritas sabiex tidhol fi programm, izda kull darba telqet mill-isptar kontra l-parir mediku. L-ahhar li harget mill-isptar kien fit-23 ta' April 2018 u sussegwentement, l-imputata nfurmat lill-Ufficjal tal-*Probation* li kienet ser issiefer lejn l-Isvezja.

Huwa evidenti ghalhekk illi minkejja li din il-Qorti qeghdet lill-imputata taht Ordni ta' Supervizjoni Temporanja sabiex tibda tinghata l-ghajnuna u ttejjeb is-sitwazzjoni taghha mill-aktar fis possibbli u dan anke in vista tal-fatt illi l-imputata xehdet illi ma kellhiex fejn tirrisjedi, hija baqghet kaotika f'hajjitha u ma gharfitx tutilizza l-opportunita` li nghatat lilha sabiex timxi 'l quddiem, tibqa' l-boghod mill-vizzju tad-droga u tilhaq certu stabbilita` f'hajjitha. Anzi tant baqghet kaotika, minkejja li kienet qeghda tigi segwita minn diversi professjonisti, illi xorta wahda baqa' ma setghax isir pjan ta' kura konkret fir-rigward taghha. Ghalkemm din il-Qorti dejjem kienet u tibqa' disposta illi taghti l-ghajnuna lil min, bhal imputata, ikun fil-vizzju tad-droga u jkun qed jirrinfaccja diffikultajiet li tali vizzju jgib mieghu, biss f'dan il-kaz, huwa evidenti illi din l-ghajnuna ma ssarrfet fl-ebda progress fil-hajja tal-imputata, mhux ghax din ma kinitx sufficjenti, izda ghaliex l-imputata ghadset rasha u kompliet fil-hajja kaotika li kienet qeghda tghix. F'dan il-kaz partikolari, tali ghajnuna mhux ser tkun ta' beneficcju ghall-imputata sakemm ma tkunx f'ambjent ristrett, fejn tkun tista' tkompli tinghata l-ghajnuna

kontra l-vizzju tad-droga u gwida sabiex tkun f'posizzjoni li tirrintegra ruhha ahjar fil-komunita`, u dan kif issuggeriet ukoll l-Ufficjal tal-*Probation.*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata mhux hatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u qeghda tilliberaha minnhom, izda qed issibha hatja tas-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u tikkundannaha ghall-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija effettiva.

In oltre ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn mil-lum bil-ghan illi teghleb il-vizzju tad-droga u dan billi fost ohrajn, tibda u tlesti programm residenzjali fi hdan wahda mill-Agenziji li jipprovdu programmi ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, u/jew issegwi pjan ta' kura iehor sabiex teghleb il-vizzju tad-droga, dejjem skont kif rakkomandat lilha mill-professjonisti li ser ikunu qeghdin isegwuha, inkluz billi tibqa' f'dan iz-zmien f'kuntatt ma' tali professjonisti, skont kif rakkomandat lilha u skont id-direzzjoni taghhom u anke thalli kampjuni tal-urina ghal testijiet ghall-presenza o meno ta' sustanzi illeciti.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u semplici, il-konsegwenzi skont il-ligi, kemm il-darba hija ma toqghodx mal-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Trattament.

Tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti illi l-hatja tinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja kontra l-vizzju tad-droga.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs u lid-Direttur tad-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole*.

Stante li ma nhatrux esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat